## Il-Mużika fil-Festa Maltija (VI):

# Il-marċ trijonfali [l-ewwel parti]



Mro Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]


Giuseppe Verdi


Ludwig van Beethoven


Vincenzo Bellini


Edward Grieg

Fl-aħħar tliet artikli tkellimna fuq il-marċ sinfoniku u kif dal-ġeneru mużikali sab postu fil-festa Maltija waqt xi kunċert bandistiku taħt id-direzzjoni tas-surmast. Tip ieħor ta' marċ huwa dak trijonfali li dlonk ifakkarna fl-opra *Aïda* ta' Verdi. Marċi simili nkitbu wkoll minn xi surmastrijiet Maltin kif ukoll barranin. L-istess bħall-marċ sinfoniku, dak trijonfali jindaqq fuq il-planċier taħt għajnejn is-surmast, bid-differenza li aktarx jinstema' f'xi okkażjoni ċelebrattiva jew kommemorattiva. Fost il-ħafna kompożituri kbar Maltin li pproduċew il-marċ trijonfali nsibu żgur lil C. Abela Scolaro, R. Bugeja, V. Ciappara, C. Diacono, G. Giumarra, A. Miruzzi u P. Vassallo. Iżda dan ma jfissirx li l-lista hija eżawrita u ninsab ċert li ħafna oħrajn kitbu tagħhom ukoll.

Fil-biċċa l-kbira tal-każi, marċ trijonfali huwa forma mużikali li tirrifletti xi forma ta' rebħ jew ferħ kbir. Fl-istorja tal-mużika, ħafna kienu dawk il-kompożituri li xi darba jew oħra kitbu xi forma ta' marċ tar-rebħ. Imma forsi l-aqwa eżempju nsibuh fil-ftuħ tat-tieni xena tat-tieni att tal-opra Verdjana *Aïda*. Fiha naraw lit-tenur fil-parti ta' Radamès bħala l-kaptan tal-gwardja dieħel fuq il-palk bl-armata Eġizzjana warajh wara li din tkun ħarġet rebbieħa fuq dik Etiopjana. Ħafna drabi dix-xena tinvolvi spettaklu sħiħ u mlewwen ta' karrijiet dekorattivi misjuqa mill-mexxejja rekbin iż-żiemel – u forsi anki xi ġemel jew tnejn – riġment sħiħ ta' suldati Eġizzjani u kor enormi biex jilqagħhom deħlin permezz tal-kant, tixjir ta' palm, għajjat ta' ferħ u tifħir.

L-opra kienet ġiet ikkummissjonata minn Isma'il Pasha (1830-95), il-Khedive tal-Eġittu, għat-teatru l-ġdid li kien għadu kemm fetaħ il-bibien tiegħu fil-Kajr bl-opra *Rigoletto* ta' Verdi. Kien hu li għadda lill-kompożitur l-istorja bil-Franċiż ta' *Aïda*, kitba ta' François *Auguste* Ferdinand *Mariette (1821-81). Min-naħa tiegħu, Verdi għadda l-librett bi proża Franċiża ta' Camille du Locle (1832-1903) lil Antonio Ghislanzoni (1824-93) biex joħroġlu wieħed bit-Taljan. Verdi għażel li jimmużikah fi stil differenti minn tas-soltu billi jagħnih b'orkestrazzjoni ta' xejra orjentali. L-istorja sseħħ fis-saltna l-qadima Eġizzjana u ddur prinċipalment fuq l-imħabba miġnuna ta' bejn Aïda (bint Amonasro [baritnu], re tal-Etijopja, li waqgħet ilsira t'Amneris u* Radamès, u kif dawn it-tnejn jisfa vittma tal-għira min-naħa t'Amneris [mezzo-sopran] – prinċipessa u bint is-sultan tal-Eġittu, li wkoll tkun tħobb lil Radamès. L-ewwel rappreżentazzjoni tal-opra saret lejlet il-Milied tal-1871, bl-orkestra taħt id-direzzjoni tas-surmast Giovanni Bottesini (1821-89).

Fir-repertorju klassiku niltaqgħu ma' aktar marċi trijonfali mill-pinna ta' kompożituri ċelebri barranin: Marċ trijonfali minn 'Tarpeja' WoO 2a: Ludwig van Beetheven (1770-1827) kitbu fl-1813 biex jindaqq waqt id-dramm traġiku, li jġib l-istess isem, ta' Christoph Kuffner (1780-1846) – poeta prolifiku u magħruf ħafna fi żmienu. Dal-kittieb Awstrijak, ammiratur tal-kultura Griega u Rumana, kien ħabib sew ta' Beethoven; kien proprju minn dil-ħbiberija li twieldet dil-mużika inċidentali. Hu mifhum li dax-xogħol orkestrali kellu jindaqq jew fil-bidu tat-tmien xena tat-tieni att, jonkella fi tmiem it-traġedja kollha li b'kollox kien fiha erba' atti. Madankollu, id-dramm qajla rnexxa u wara biss rappreżentazzjoni waħda għosfor mir-reportorju teatrali.

Il-blata ta' Tarpeja tikkonsisti f'irdum wieqaf tal-quċċata fin-nofsinhar tal-Għolja Kapitolina – l-iżgħar waħda fost is-sebgħa li hemm f'Ruma, u hija marbuta ma' Tarpeja – xebba verġni li kienet tkun ikkonsagrata lill-alla mara Vesta – bint Spurio Tarpeio, gvernatur taċ-ċittadella fuq dil-għolja. Magħha hemm marbuta leġġenda fejn Titus Tatius, sultan tas-Sabini, jipprova jxaħħam lil Tarpeja bl-għan li jgħaddi lis-suldati tiegħu minn passaġġ sigriet biex jattakka lil Ruma. Ta' dan hija kellha tieħu dak kollu li s-suldati jkunu qegħdin iġorru fuq drieghhom ix-xellugija bħalma huma brazzuletti tad-deheb u ċrieket. Iżda ġara li Tarpeja sfat mgħaffġa taħt it-toqol tat-tarki tas-Sabini li huma wkoll kienu qed iġorru fi drieghhom ix-xellugija.


Tarpeia - l-episodju li huwa il-bażi tax-xogħol ta' Ludwig van Beethoven.

Marċ trijonfali tad-Druwidi, Op. 30, nru. 2: Bħala opra, in-*Norma* tal-kompożitur Sqalli Vincenzo Bellini (1801-35) tikkonsisti fi traġedja lirika f'żewġ atti fuq librett ta' Felice Romani (1788-1865), ibbażat fuq id-dramm *Norma ou l'Infanticide* tal-poeta u drammaturgu Franċiż Alexandre Soumet (1788-1845). L-istorja sseħħ f'Gallja fi żmien l-okkupazzjoni Franċiża mir-Rumani madwar is-sena 100-50 q.K. u ddur fuq is-soltu trianglu ta' mħabba bejn Pollione (tenur) [prokonslu Ruman f'Gallja], Norma (sopran) [bint Oroveso u s-saċerdotessa l-kbira tat-tempju tad-Druwidi] u Adalgisa (mezzo-sopran) [saċerdotessa żagħżugħa Druwida]. Dan kollu jiġri fl-isfond tar-rewwixta tal-poplu Galliku kontra l-ħakkiema Rumani, immexxija mid-Druwidu Oroveso (baxx) [is-saċerdot il-kbir u missier Norma]. Fl-istorja jiġri li Norma, li kellha żewġt itfal minn Pollione – xi ħaġa li kienet tmur kontra l-wegħdi Druwidi tal-kastità, tiskopri li l-maħbub tagħha sar iħobb lil ħabibitha

ikompli f'paġna 26

# Il-marċ trijonfali

ikompli minn paġna 16

Adalgisa. Norma tipprova tikkonvinċi lil Pollione biex jitlaqha, iżda hu jirrifjuta. Fuq hekk, hi tistqarr pubblikament bl-iżball li kienet wettqet filwaqt li Pollione jiġi mixli li ġera wara Adalgisa fit-tempju, bit-tnejn jispiċċaw jinħarqu fuq il-pira bħala kastig.

Il-marċ trionfali li nsibu fl-ewwel xena tal-ewwel att iħabbar il-wasla ta' Norma fit-tempju, segwita mid-Druwidi u s-saċerdotessi, u bil-miġemgħa kollha tinkina quddiemha. Il-kor ikanta *Norma viene* ('Ġejja Norma') waqt li hi tkun tielgħa t-taraġ tal-artal, liebsa klila tal-birbiena[1] f'rasha u bastun imdieheb f'idha. Il-poplu Druwidu jkun irid imur għall-gwerra kontra r-Rumani, iżda Norma tgħidilhom li għalissa din mhix ir-rieda tal-allat. Hi tkompli bir-rit sagru tagħha billi tgħolli dirgħajha 'l fuq, u filwaqt li kulħadd jinżel baxx fl-art, taqta' l-viskju[2] mqaddes u, akkumpanjata mis-saċerdotessi, tkanta l-famuża kavatina[3] *Casta diva* ('*Pura alla mara*') bħala invokazzjoni lill-alla tal-qamar biex iġġibilhom il-paċi. Ma' tmiem ir-rit hi twegħidhom li tgħarrafhom mill-ewwel hekk kif alla jitlob demm ir-Rumani.

Marċ trionfali minn '*Sigur Jorsalfar*' Op. 56: Oriġinarjament, ix-xogħol ta' Edvard Grieg (1843-1907) kien jifforma parti mill-mużika inċidentali għad-dramm tal-kittieb Norveġiż Bjørnstjerne Bjørnson (1832-1910) f'ġieħ is-sultan Norveġiż Sigurd I Magnusson (1089-1130). L-ewwel rappreżentazzjoni tagħha, bix-xogħol ippubblikat taħt Op. 22, saret fl-10 t'April 1872. Minn dax-xogħol f'disa' partijiet Grieg silet biss tlieta minnhom biex ifforma sett ta' tliet bċejjeċ għall-orkestra, ippubblikati taħt Op. 56: 'Ġewwa s-sala tas-sultan' – preludju f'forma ternarja; 'Il-ħolma ta' Borghild' – intermezz; 'Marċ ommaġġ', li jiftaħ b'fanfarri fuq il-kurunetti qabel il-wasla tas-suġġett prinċipali li tikkonsisti f'tema marzjali mdaqqa minn erba' vjolinċelli. Il-parti tan-nofs hija ddominata minn melodija fuq il-vjolini, bix-xogħol jagħlaq b'rikapitulazzjoni tal-ewwel taqsima. L-ewwel rappreżentazzjoni saret f'Oslo fil-5 ta' Novembru 1892, bil-kompożitur jirrevedih fl-istess sena.

---

1 Xitla b'weraq ifuħ li dari kienet tixxerred fuq il-qiegħa tal-knisja f'xi festi u l-weraq tagħha kien jintuża biex ibaxxi d-deni. (Serracino-Inglot, Mario: 'Dizzjunarju Malti' – Merlin Library, 2000)

2 Pjanta dejjem ħadra b'għeneb abjad żgħir li tikber bħala parassita, l-aktar fuq is-siġar tat-tuffieħ u tiddendel ġod-djar bħala tiżjina tal-Milied. (Serracino-Inglot, Mario: 'Dizzjunarju Malti' – Merlin Library, 2000)

3 Fil-mużika, tip t'arja operistika, qsajra u sempliċi.